# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Diċembru, 2023**

**Numru 15**

**Rikors Numru 201/20TA**

**Emanuel Delia**

**vs**

**L-Onorevoli Byron Camilleri, fil-kwalita' tiegħu bħala Ministru tal-Intern, Infurzar tal-Liġi u Sigurta' Nazzjonali**

**Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Intern, Infurzar tal-Liġi u Sigurta' Nazzjonali**

**Alex Dalli, Direttur tal-Ħabs u CEO Corradino Correctional Services Agency u b'digriet tal-21 ta' Ġunju, 2022 Alex Dalli ġie sostitwit b'Robert Brincau**

**Head Detention Services**

**Principal Immigration Officer**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Emmanuel Delia (ir-rikorrent) tal-11 ta' Settembru 2020 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

"Illi Emanuel Delia, fil-kwalita' tiegħu ta' ġurnalist li jmessi is-sit diġitali *Truth be told, manueldelia.com*, fil-13,14,15,18 u 20 ta' Novembru 2019, kif uikoll fil-5,11,17 u 20 ta' Frar 2020 għamel talbiet formali sabiex, bħala ġurnalist, jiġi awtorizzat lilu aċċess kemm għall-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin kif ukoll għaċ-ċentri ta' detenzjoni u dan sabiex ikun jista' jistħareġ u jirrapporta fuq il-verita jew meno ta' diversi allegazzjonijiet dwar imġieba skorretta u illegali, tortura, trattament inuman u degradanti fil-konfront ta' immigranti, u/jew priġunieri, li sa llum jinsabu miżmuma fiċ-ċentri korrettiv ta' Kordin u/jew fiċ-ċentri ta' detenzjoni.

Illi minkejja dawn it-talbiet, l-aċċess baqa' ma ngħatax u għalhekk wara li ġiet imneħħija l-emerġenza ta' saħħa nazzjonali mis-Supretendent ta' Saħħa Pubblika marbuta mal-pandemija tal-Covid-19, l-esponenti reġa ressaq it-talbiet tiegħu fit-2 ta' Lulju 2020, fit-18 ta' Awwissu 2020 u fid-19 ta' Awwissu 2020 wara li ġie magħruf li influencer fuq il-medja soċjali, magħrufa bħala Terry ta' Bormla, jew iz-Zija TT, ġiet akkordata aċċess biex iżżur il-ħabs, tant li għamlet sessjoni fuq il-medja soċjali dwar dan.

Illi permezz ta' tweġiba tal-21 ta' Awwissu 2020, il-customer care co-ordinator mill-Uffiċċju tas-Segetarju Permanenti fil-Ministeru tal-Intern għarraf lill-esponent illi għandu iressaq it-talba tiegħu ta' aċċess fil-ħabs lill-Kap Eżekuttiv tal-Correctional Services Agency, stante li reċentement, l-istess aġenzija kienet ifformalizzat protokoll dwar aċċess għall-media.

Illi fil-XXXXX l-esponent iffirma l-protokoll ta' aċċess fil-ħabs u żar l-istess fil-1 ta' Settembru 2020, minkejja li sa llum għadu ma ingħatax aċċess għaċ-ċentri ta' Detenzjoni.

**Talba għall-aċċess wara rappurtaġġ fil-media dwar allegazzjonijiet ta' trattament inuman**.

Illi din it-talba saret wara li fil-media lokali kien rappurtat li immigrant allegatament involuti f'irvelli fiċ-ċentru ta' detenzjoni, kienu maltrattati, torturati u soġġetti "*għal-trattament inuman u degredanti fil-ħabs meta, kif waslu fil-ħabs, dawn kienu ordnati biex jinżaw ħwejjiġhom fil-bitħa tal-ħabs u ġew maħsula bil-pipe tal-ilma 'bħal annimali*", oltre allegazzjonijiet ta' trattament inuman u degradanti ieħor, partikolarment kif deher f'The Times of Malta tas-27 ta' Ottubru 2019, *'Manhandled in prison, cooped up, hosed down like animals ... 'Authorities deny migrants' mistreatment at Corradino, NGOs demand inquiry.*

Illi dawn l-allegazzjonijiet jirriferu ukoll għall-fatt li numru ta' uffiċjali kienu preżenti biex jassistu għal dan l-allegat aġir illegali ta' tortura u trattament inumani u degradanti, filwaqt li -istess detenuti kienu sfurzati jorqdu f'ċelel iffullati kontra l-liġi, oltre l-fatt li dawn kienu ordnati jgħaddu ġranet ħafja u bla żarbun.

**Allegat falliment fl-amministrazzjoni tal-ħabs u taċ-ċentri ta' Detenzjoni**

Illi oltre dan, it-talba għall-aċċess tar-rikorrent fil-ħabs u fiċ-ċentri ta' detenzjoni kienet qed issir sabiex jistħarreġ dwar numru ta' suwiċidji u mwiet ta' priġunieri li seħħew fil-ħabs xhur qabel taħt ċirkostanzi li għadhom mhux ċari tant li n-numri ta' mwiet li saru reċentement jammonta għal għaxra, tnejn minnhom ukoll wara l-viżita li għamel l-esponent fl-1 ta' Settembru 2020.

Illi minkejja li l-imwiet huma f'xi każi suġġetti ta' inkjesti, dawn l-istess allegazzjonijiet serji, u dawk dwar tortura u trattament inuman fuq immigranti fil-ħabs u fiċ-ċentri ta' detenzjoni, jirriflettu fallimenti fl-amministrazzjoni tal-ħabs u fiċ-ċentri ta' detenzjoni li jeħtieġu skrutinju ġurnalistiku serju f'soċjeta' demokratika.

**Il-viżita tal-esponent**

Illi minkejja l-protokoll ta' aċċess kien jidika sett ta' parametri raġjonevoli ta' aċċess, dan jikkontrasta bil-kbir mar-restrizzjonijiet li ingħata l-istess esponent sabiex ikun jista', jifformula stampa ċara u oġġettiva ta' kundizzjoni fisika u psikoloġika ta'  priġunieri.

L-aċċess kien wieħed tant limitat li l-esponent fl-ebda ħin ma ingħata l-opportunita jinvestiga allegazzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet ta' *overcrowding* fiċ-ċellel, il-kundizzjoni ta' għixien, aċċess għall-iġene u fatturi oħra li waħedhom u/jew kollettivament jitfgħu dawk fuq il-kundizzjoni ta' għixien u ta' trattament tal-priġunieri.

Illi matul l-esponent kien imċaħħad milli jżur Division 6 u Division 5, kif ukoll kien imċaħħad milli jżur il-faċilitajiet sanitarji ta' Division 2 u Division 3.

Illi minn din iż-żjara l-esponent seta' jieħu biss il-verżjoni ikkontrollata u manipulata tal-Kurunell Dalli fejn ukoll ikkonferma l-użu ta' mezzi inumani u degradanti, bħal dik ta' "restraining chair" sabiex inissel kultura ta' biża fost il-priġunieri.

Illi din iż-żjara ma tat ebda opportunita sabiex l-esponent, bħala ġurnalist, iservi ta' public watchdog fuq l-andament tal-habs, anzi, l-istess żjara taqa' hija prova fiha innifisha ta' aċċess limitat għal informazzjoni kkontrollata u mmanipulata mill-Awtoritajiet tal-Ħabs.

**Il-ġurnaliżmu għandu iservi bħala *public watchdog* konta l-monopolju tal-istat fuq l-informazzjoni kkontrollata.**

Illi x-xogħol ta' ġurnalist f'dan ir-rigward iservi ukoll bħala "*public watchdog*" fuq l-awtoritajiet u għalhekk, ir-rifjut ta' aċċess lir-rikorrent, wara diversi talbiet tiegħu, jagħtu lok biex l-awtoritajiet u l-azzjonijiet tagħhom ikunu eżenti mill-iskrutinju pubbliku dwar materja ta' interess pubbliku f'soċjeta' demokratika.

Illi dan r-rifjut ta' aċċess lill-ġurnalisti jwassal ukoll biex l-istess awtoritajiet iżommu monopolju assolut ta' informazzjoni kkontrollata minnhom bil-konsegwenza l-pubbliku ikun imċaħħad minn informazzjoni oġġettiva u

bilanċjata dwar il-kundizzjonijiet u trattament ta' immigranti detenuti u priġunieri, bil-konsegwenza li twassal ukoll għal *chilling effect* fuq l-istħarriġ u rappurtaġġ indipendenti bl-istess awtoritajiet jittamaw li l-allegazzjonijiet imutu mewta naturali. Illi mezzi tal-komunikazzjoni allegaw ukoll li fil-ħabs intużaw u qed jintużaw strumenti ta' tortura u intimidazzjoni li huma aktarx abbużivi u illegali.

Illi dan l-allegat aġir imur kontra il-Kap 206 tal-Liġijiet ta' Malta u liġijiet oħra, fejn id-Direttur tal-Ħabs huwa obbligat, li filwaqt li jassigura l-ordni, jara li ma jkunx hemm tortura u trattament degradanti u inuman.

**L-allegat aġir kontra priġunieri u detenuti huwa leżjoni fuq id-drittijiet fundamentali tagħhom.**

Illi dan l-allegat aġir, oltre li huwa aġir kriminali, jikser id-drittijiet fondamentali tal-priġunieri u d-detenuti kontra t-tortura u t-trattament inuman u degradanti kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet fondamentali tal-Bniedem u għalhekk hemm interess pubbliku sabiex dawn l-allegazzjonijiet jiġu investigati mill-midja indipendenti u li l-fatti jiġu rrappurtati.

Illi, minkejja kull dikjarazzjoni mill-awtoritajiet li qed issir investigazzjoni interna, id-dritt li ġurnalist jikseb l-informazzjoni minn jeddu u bla xkiel inġustifikat mill-istat huwa pass ewlieni fil-ġurnaliżmu u fil-ħarsien tal-istampa ħielsa.

**Rifjut ta' access serju għal stħarriġ oġġettiv u abbuż ta' diskrezzjoni tal-awtoritajiet**

Illi minkejja diversi talbiet li saru mir-rikorrent, kemm lill-Ministru Byron Camilleri bħala l-Ministru responsabbli miċ-ċentri ta' detenzjoni u mill-ħabs, kif ukoll lill-Ministru Michael Farrugia meta kien hu responsabbli mill-istess, sabiex ikun jista' jistħarreġ u jirrapporta fuq il-verita' jew meno tad-diversi allegazzjonijiet, il-Ministru tal-Intern Byron Camilleri, permezz ta' email tas-17 ta' Frar 2020 irrifera lir-rikorrent biex it-talba jagħmilha direttament lid-Direttur ta' Ħabs, u lill-*Head* taċ-Ċentri ta' Detenzjoni u lill-Principal Immigration Officer.

Illi in segwitu ta' din id-direzzjoni, saret talba formali u minkejja dan, il-Principal Immigration Officer u id-Direttur ta' Ċentri ta' Detenzjoni, permezz ta' ittra elettronika minn uffiċjal fl-uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Intern, Infurzar tal-Liġi u tas-Sigurta' Nazzjonali, wieġbet billi irrifjutaw milli jagħtu aċċess, inkluż b'dawk il-kundizzjonijiet li jistgħu jitqiesu xierqa, sabiex ir-rikorrent iżur dawn iċ-ċentri u jirrapporta dwarhom. Oltre dan, mill-banda l-oħra, id-Direttur tal-Ħabs naqas milli jwieġeb għat-talba tiegħu minkejja li kien hekk riferut mill-Ministru tal-Intern.

Illi in segwitu ta' dan, ir-rikorrent ressaq formalment l-ilmenti tiegħu permezz ta' protest ġudizzjarju, liema protest baqa' mhux imwieġeb mill-awtoritajiet kompetenti jew mill-Avukat tal-Istat.

Illi minkejja dan ir-rifjut, u wara li l-Awtoritajiet tas-Saħħa neħħew l-istat ta' emerġenza ta' saħħa minħabba l-pandemija Covid-19, ir-rikorrent talab mill-ġdid aċċess fil-ħabs u fiċ-ċentri ta' detenzjoni sabiex jistħarreġ l-allegazzjonijiet imsemmija, u dan permezz ta' talba ġdida b'emails li jġibu id-data tat-2 ta' Lulju 2020, illi fit-18 u d-19 ta' Awwissu 220 ir-rikorrent reġa talab aċċess.

Illi l-aċċess għall-ħabs, kif ikkontrollat u mmanipulat mill-Kap Eżekuttiv, is-Sur Alex Dalli u l-uffiċjali tiegħu jaqgħu l-barra mil-livell ta' aċċess li għandu jingħata ġurnalist għall-stħarriġ indipendenti u oġġettiv ta' allegazzjonijiet serji.

Illi għalhekk, l-esponent iqis li l-aċċess fil-ħabs għall-stħarriġ indipendenti u oġġettiv ta' allegazzjonijiet serji għadu ma ingħatax, u għalhekk jista' jitqies rifjutat għall-finijiet tal-liġijiet li jipproteġu tali stħarriġ, partikolarment ukoll fuq ksur ta' drittijiet fundamentali tal-priġunieri.

Illi l-poter tad-Direttur tal-Ħabs huwa limitat biss skond dak li jipprovdu ir-regolamenti permezz ta' Artikoli 53, 54 u 55 tar-Regolamenti SL. 206.03 u dan dwar viżiti lejn priġunieri.

Illi l-Att dwar il-Ħabs, permezz ta' Artikolu 66(1) tar-Regolamenti SL. 206.03, bħala liġi sussidjarja għall-Kap 2036 tal-Liġijiet ta' Malta, jagħti, speċifikament, lill-Ministru tal-Intern il-poter sabiex persuna jew persuni jiġu awtorizzati jitħallew jaraw il-ħabs.

Illi minkejja dak stipulat f'Artikolu 66 tal-AL 206.03, il-Ministru tal-Intern, naqas milli jagħti din l-awtorizazzjoni u rrefera biss lir-rikorrent biex jagħmel it-talba tiegħu lid-Direttur tal-Ħabs, CEO tal-Corradino Correctional Services Agency u lid-Direttur taċ-Ċentri ta' Detenzjoni u lill-Principal Immigration Officer, fil-każ taċ-ċentri ta' Detenzjoni.

Illi r-referenza ta' tali talba lid-Direttur tal-Ħabs, u n-nuqqas ta' awtorizazzjoni mill-Ministru kompetenti għal stħarriġ adegwat u oġġettiv huwa ekwivalenti għal rifjut kemm minn naħa tal-istess Ministru, kif ukoll minn naħa tad-Direttur tal-Ħabs.

Illi mill-banda l-oħra t-tweġiba f'isem il-Principal Immigration Officer fir-rigward ta' aċċess għaċ-ċentri ta' detenzjoni hija ukoll rifjut b'mod kategoriku u assolut, stante illi permess ta' żewġ ittri elettroniċi tas-17 ta' Frar, 2020, rappreżentant ta' *Customer Care* fil-Ministeru tal-Intern wieġbet u kkonfermat illi l-aċċess għaċ-ċentri huwa limitat biss għal avukati, NGOs u aġenziji.

**Id-dritt ta' stħarriġ minn ġurnalist għall-informazzjoni bilanċata u ħielsa mill-monopolju tal-istat huwa parti l-bażi għad-dritt tal-liberta' tal-espressjoni.**

Ix-xogħol ta' ġurnalist li jirrapporta fuq stħarriġ li jkun kiseb hu stess dwar il-kundizzjonijiet ta' għixien u trattament ieħor fuq immigranti detenuti u/jew priġunieri oħra u l-allegazzjonijiet rappurtati huwa differenti minn dak ix-xogħol li jsir minn aġenziji, NGOs u avukati li lilhom jiġi awtorizzat aċċess.

Illi x-xogħol u stħarriġ minn aġenziji, NGOs u avukati huwa differenti u għandu għanijiet differenti minn dak tal-ġurnalist li jistħarreġ u jirraporta l-verita' fuq materja ta' interess pubbliku.

**Ir-rifjut ta' aċċess fil-ħabs u ċentri ta' detenzjoni għall-iskop ta' stħarriġ huwa leżjon tad-Dritt tal-Liberta tal-Espressjoni**.

Illi r-rifjut, bla kundizzjoni u bla raġuni suffiċjenti u motivata hija leżjoni tad-dritt ta' liberta' tal-espressjoni kif provduti f'Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u f'Artikolu 10 ta' Konvenzjoni Ewropea, filwaqt li għadhom qed jippresistu l-allegazzjon ijiet ta' tortura u trattament inuman u degradanti.

Illi, oltre dan, ic-"*chilling effect*" fuq il-ġurnalist li jistħarreġ u jirrapporta, fil-ħin u fl-interess pubbliku, il-verita' jew meno dwar dak allegat fuq il-kundizzjoni tad-detenuti u t-trattament tagħhom minn uffiċjali tal-ħabs u taċ-ċentri ta' detenzjoni, jista' jwassal, kemm il-darba dawk l-allegazzjonijiet huma minnhom, li l-priġunieri u/jew detenuti jibqgħu soġġetti għall-trattament inuman bi ksur tad-drittijiet fondamentali tagħhom protetti f'Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u f'Artikolu 3 ta' Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi minn dan jiġi konstatat ukoll illi l-ewwel talba tar-rikorrent saret fit-13 ta' Novembru 2019, u ingħata aċċess ikkontrollat, serju fl-1 ta' Settembru 2020, għaxar xhur wara, bla dritt u/jew eżitu ta' stħarriġ serju u oġġettiv.

Illi in-nuqqas ta' stħarriġ u rappurtaġġ ħieles, konsegwenza ta' rifjut ta' awtorizazzjoni għall-aċċess twassal ukoll għall-allegat abbuż kontinwat mill-istess uffiċjali fuq il-priġunijier u d-detenuti li jkomplu jgħixu fi stat ta' biża għall-ħajjithom, bil-konsegwenza li tista' twassal għat-tneħħija ta' ħajjiet oħra fil-ħabs.

Illi b'dawn l-allegazzjonijiet serji, ebda ġurnalist u ebda persuna oħra, f'soċjeta' demokratika ma tista' tistrieħ fuq il-monopolju ta' informazzjoni tal-Istat fuq din il-materja ta' interess pubbliku u għalhekk, id-dritt ta' informazzjoni jifforma parti sħiħa mid-dritt ta' opinjoni u tal-espressjoni libera kif protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi r-rifjut għat-talba ta' aċċess biex ir-rikorrent "jistħarreġ u jirrapporta, *first hand*, dwar il-kundizzjonijiet, jew in-nuqqas tagħhom, kif ukoll dwar il-verita' tal-allegazzjonijiet imressqa ta' trattament inuman u degradanti fuq id-detenuti u/jew il-priġunieri mill-Ministru ta' Intern u minn kull uffiċjal ieħor fosthom id-Direttur tal-Ħabs, id-Direttur taċ-Ċentri ta' Detenzjon u il-Principal Immigration Officer huwa nieqes għall-aħħar minn konsiderazzjon ijiet motivati u suffiċjenti kontra l-interess tal-priġunieri u tad-detenuti, kif ukoll

kontra l-applikant li jinforma ruħu u jirrapporta fuq materja ta' interess pubbliku qawwi u immedjat, skont dawk il-miżuri ordinarji u xierqa li jipproteġu il-privatezza tad-detenuti u/jew il-priġunieri, hija leżjoni tad-dritt tal-liberta' tal-espressjoni kif protett f'Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u dan għaliex tali rifjut huwa għaliex hemm ukoll fin-nofs il-ħajja u d-dinjita' ta' priġunieri u detenuti.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara li bl-aġir tal-intimati li jirrifjutaw l-aċċess jew di piu' l-aċċess ikkontrollat u immanipulat kontra stħarriġ serju u oġġettiv fil-ħabs u fiċ-ċentri ta' detenzjoni bil-għan li r-rikorrenti jistħarreġ u jirrapporta allegazzjonijiet ta' trattament inuman u degradanti fuq il-priġunieri u detenuti ġie leż id-dritt fondamentali tal-esponenti kif protett mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

2. Konsegwentament, tordna lill-intimati jagħtu aċċess fil-ħabs u fiċ-ċentri ta' detenzjoni sabiex ikun jista' jintervista priġunieri u/jew detenuti bil-għan li jistħarreġ u jirraporta dwar il-verita' jew meno ta' allegazzjonijiet ta' trattament inuman u degradanti li huma ta' interess pubbliku, taħt dawk il-kundizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

3. Tillikwida ammont ta' kumpens għad-danni non-pekunjarji għall-vjolazzjonijiet hawn imsemmija.

4. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom jħallsu l-kumpens hekk likwidat.

5. Tagħti kull ordni u provvediment ieħor li jidhrilha li huwa xieraq sabiex tiżgura d-drittijiet fondamentali tal-esponenti u safejn huwa possibbli, tqiegħdu fl-istat li kienu fih qabel il-vjolazzjoni.

Bl-ispejjeż, inkluż tal-protest ġudizzjarju fl-istess ismijiet."

Rat ir-risposta tal-Awtoritajiet intimati tat-8 ta' Ottubru 2020 li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:

1. "Illi qabel xejn, il-kunjom tar-rikorrent x'aktarx ġie miktub ħażin għax minflok '*Delia'* tniżżel '*Deila*'. Jidher li hemm żball ukoll fin-numru tal-Leġislazzjoni Sussidjarja indikata fil-premessi tar-rikors kostituzzjonali. Dan għaliex ir-**Regolamenti dwar il-Ħabs** jinsabu fil-**L.S. 260.03** u mhux fil-**L.S. 206.03**. Jixraq għalhekk li r-rikorrent jitlob li jsiru t-tiswijiet meħtieġa skont l-**artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi l-Onorevoli Ministru tal-Intern, Infurzar tal-Liġi u Sigurtà Nazzjonali ġie mħarrek bla bżonn f'din il-kawża għall-għanijiet tal-**artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u dan għaliex skont l-**artikolu 17(8)** tal-**Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap 595 tal-Liġijiet ta' Malta)** is-Segretarju Permanenti huwa r-rappeżentant ġuridiku tal-Gvern f'atti u azzjonijiet ġudizzjarji dwar kull ħaġa li taqa' taħt il-firxa tal-attività tal-Ministeru li għalih ikun assenjat. Jiġi b'hekk, li l-preżenza waħidha tas-Segretarju Permanenti hija biżżejjed sabiex jirrappreżenta l-Ministeru inkwistjoni, b'dana li l-Onorevoli Ministru għandu jiġi meħlus mill-ħarsien tal-ġudizzju;

3. Illi hekk ukoll ma kienx hemm għalfejn li jiġu mħarrka f'din il-kawża l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni u l-Avukat tal-Istat, għaliex bil-liġi skont ir-**Regolamenti dwar is-Servizz ta' Detenzjoni (Leġislazzjoni Sussidjarja 217.19)** u r-**Regolamenti dwar il-Ħabs (Leġislazzjoni 260.03)** huma l-intimati l-oħra li huma mogħnija bis-setgħa li jiddeċiedu min għandu jitħalla jidħol fil-ħabs u fiċ-ċentri ta' detenzjoni. Jiġi b'hekk, li anke l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni u l-Avukat tal-Istat imisshom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju;

4. Illi *in limine litis* ukoll, jekk kif qed jgħid ir-rikorrent, huwa tabilħaqq minnu li l-intimati abbużaw mid-diskrezzjoni amministrattiva tagħhom għax ma ħallewhx jidħol fil-ħabs u fiċ-ċentri ta' detenzjoni, allura huwa messu nieda azzjoni taħt l-**artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex iħassar dawk id-deċiżjonijiet amministrattivi fuq il-bażi li dawn ittieħdu *ultra vires*. Huwa ċar li t-tilwima li r-rikorrent għandu ma' xi wħud mill-intimati mhijiex waħda ta' sura kostituzzjonali iżda hija waħda ta' għamla amministrattiva, *viz*. jekk huwa kellux jingħata l-jedd li jitħalla jidħol fil-ħabs u fiċ-ċentri ta' detenzjoni;

   Billi għalhekk ir-rikorrent kellu f'idejh rimedji ordinarji biex jindirizzaw l-ilmenti tiegħu, huwa l-każ li din l-Onorabbli Qorti toqgħod lura milli tinqeda bis-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha skont l-**artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni** u l-*proviso* tal-**artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;**

5. Illi lil hemm minn dan, b'rabta mal-ewwel talba tar-rikorrent, l-esponenti jwieġbu li mhux minnu li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal-libertà ta' espressjoni taħt l-**artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea** u l-**artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**. Ibda biex, ir-rikorrent ma weriex li huwa għandu jedd bil-liġi li jista' jżur il-ħabs u fiċ-ċentri ta' detenzjoni. Bħalma lanqas ma wera li dħul f'dawn il-postijiet kienet meħtieġa għalih biex huwa jkun jista' jeżerċita l-jedd tiegħu tal-libertà ta' espressjoni, b'mod partikolari l-jedd tiegħu li jirċievi tagħrif bil-ħsieb li jxerrdu fil-pubbliku;

6. Illi r-rikorrent m'għandux għalfejn jidħol personalment fil-ħabs u fiċ-ċentri ta' detenzjoni jekk irid jikseb tagħrif dwar il-kundizzjoni ġenerali tal-persuni li qegħdin jinżammu fil-ħabs u fiċ-ċentri ta' detenzjoni. Dan għaliex tali tagħrif huwa ġa disponibbli fil-pubbliku minn rapporti

maħruġa minn entitajiet li mhumiex tal-Gvern ta' Malta. Minbarra dan, ilmenti ta' persuni miżmuma fil-ħabs u fiċ-ċentri ta' detenzjoni ġew mistħarrġa għadd ta' drabi mill-qrati tagħna u mill-organi ġudizzjarji ta' Strasburgu. Għalhekk id-dħul fil-ħabs u fiċ-ċentri ta' detenzjoni mhuwiex daqstant strumentali biex ir-rikorrent ikun jista' jikteb dwar il-qagħda tal-ħabs u taċ-ċentru ta' detenzjoni, la r-rikorrent jista' jikseb u jiġbor it-tagħrif li jixtieq minn bnadi oħra,

7. Illi fuq kollox, ir-rikorrent tħalla jidħol fil-ħabs biex ikun jista' jikteb dwar dak li ra. Għalkemm ir-rikorrent qed jilmenta li din iż-żjara saret b'kontroll sħiħ mill-awtoritajiet, ir-rikorrent irid japprezza li huwa ma daħalx f'post li huwa miftuħ għall-pubbliku iżda daħal f'post fejn il-livell ta' sigurtà hija waħda għolja ħafna minħabba li fiha jinżammu persuni li ġew ikkundannati b'reati kriminali. Minkejja li wieħed jista' jifhem bil-ħerqa tar-rikorrent li jżur kullimkien, madankollu l-istess rikorrent irid japprezza wkoll li minħabba raġunijiet ta' sigurtà, ċertu postijiet fil-ħabs ma setgħux ikunu aċċessibbli. Wieħed ma jridx jinsa hawnhekk li skont l-**artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea** u l-**artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, il-libertà ta' espressjoni mhuwiex wieħed assolut iżda huwa wieħed li jista' jiġi limitat fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali;

8. Illi b'żieda ma' dan, ir-rikorrent jeħtieġ li jifhem ukoll li bil-liġi l-jedd tal-libertà ta' espressjoni jista' jiġi limitat ukoll sabiex jiġu mħarsa l-jeddijiet ta' ħaddieħor. F'dan il-każ, il-persuni miżmuma fil-ħabs u fiċ-ċentru ta' detenzjoni għandhom il-jedd għall-privatezza tagħhom u għalhekk l-awtoritajiet tal-Gvern ma setgħux iħallu lir-rikorrent jaqbad u jdur fejn irid u kif irid;

9. Illi t-tieni talba wkoll ma jmesshiex tintlaqa' ladarba d-dħul fil-ħabs u fiċ-ċentri ta' detenzjoni mhumiex strumentali biex ir-rikorrent ikun jista' jikteb fuq is-suġġett li jrid jitħaddet dwaru fil-pubbliku;

10. Illi hekk ukoll, ma hemmx lok li jintlaqgħu t-tlitt talbiet l-oħra biex jingħata rimedju u kumpens fi flus, ladarba r-rikorrent ma seħħlux juri li ġarrab ksur kostituzzjonali jew konvenzjonali, kif mitluba fl-ewwel talba tiegħu. Dan biex jingħadx ukoll li r-rikorrent irid iġib prova tal-ħsara morali li qed jgħid li ġarrab minħabba n-nuqqas tad-dħul fil-ħabs u fiċ-ċentru ta' detenzjoni;

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu."

Rat l-atti u dokumenti kollha f'din il-proċedura;

Semgħet ix-xhieda mressqa fil-perkors tas-smiegħ;

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Ir-rikorrent jamministra sit diġitali bl-isem ta' Truth To Be Told fuq manueldelia.com u huwa ukoll kummentatur regolari fuq il-ġurnal The Times of Malta.

**2.** B'konsegwenza ta' inċident li seħħ f'ċentru ta' detenzjoni fil-21 ta' Ottubru 2019, liema inċident kien jikkonsisti f'irvell u dannu lill-propjeta' kemm pubblika u kif ukoll privata, ir-rikorrent ħass li kellu jinvestiga biex wara jirraporta ta' x'seta' wassal għal dan l-inċident u kif kienu qegħdin jiġu trattati d-detenuti. Dan l-inċident kien irrapportat b'mod estentiv fl-istampa lokali, liema inċident wassal ukoll għall-għad ta' persuni li ġew arrestati u mressqa l-Qorti.

**3.** Fis-27 ta' Ottubru 2019 dawn il-persuni instabu ħatja u intbagħtu l-faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Il-media lokali għal darba oħra rraportat li dawn il-persuni ġew maltrattati u li ma kienux qegħdin ikunu miżmuma f'kundizzjonijiet diċenti. Ir-rikorrent jgħid ukoll li kellu informazzjoni, li f'dawn il-faċilitajiet ta' detenzjoni ma kienx hemm kundizzjonijiet tajbin u anzi li kienu inumani.

**4.** Ir-rikorrent kiteb bosta drabi lill-Ministru ta' dak iż-żmien biex fil-kwalita' tiegħu ta' ġurnalist jingħata aċċess għal dawn iċ-ċentri iżda baqa' mingħajr tweġiba. Sakemm fl-20 ta' Novembru 2019 uffiċjal mill-Ministeru

kitiblu biex jinfurmah li għandu jindirizza t-talba tiegħu lill-entita' kompetenti. Ir-rikorrent fehem li r-referenza kienet għall-Ministeru tal-Intern.

**5.** Kien hemm bidla fil-Ministeri, għalhekk ir-rikorrent għamel l-istess talba lill-Ministru il-ġdid li huwa intimat f'dawn il-proċeduri. Fis-7 ta' Frar 2020, ir-rikorrent irċieva tweġiba fejn ġie dirett li t-talba tiegħu kellu jindirizza lill-intimat Direttur tal-Ħabs jekk ried iżur din l-Istituzzjoni u lill-intimat Kap tas-Servizzi ta' Detenzjoni jew lill-intimat Uffiċjal Ewlieni dwar l-Immigrazzjoni jekk ried li jżur iċ-Ċentri ta' Detenzjoni. L-interess tiegħu li jżur il-Ħabs kienet ukoll spinta minn imwiet ta' priġunieri b'mod partikulari ta' Wahid Ben Ali u Noel Calleja. Dan l-interess li jżur il-Ħabs kompla jintensifika, peress li minn stħarriġ li għamel, sorsi bdew jagħmlu asserzjonijiet dwar kundizzjonijiet inumani li kien hemm ukoll fil-Ħabs.

**6.** Li kompla ħeġġeġ lir-rikorrent jinsisti għal dawn iż-żjarat fil-Istituzzjonijiet fuq imsemmija kienet ċertu Terry Muscat, influencer fil-media soċjali, magħrufa bħala Zija TT, li ħabbret li kellha stedina biex tagħmel żjara fil-Ħabs. Għalhekk r-rikorrent kompla jisħaq fuq it-talbiet tiegħu. Wara li kien ġie infurmat li kien hemm media protokoll li jirregola kif għandhom isiru ż-żjarat tal-media lill-Ħabs, fil-25 ta' Awwissu 2023, l-intimat Direttur tal-Ħabs stieden lir-rikorrrent sabiex fl-1 ta' Settembru 2020 issir iż-żjara.

**7.** Fil-waqt li r-rikorrent baqa' mingħajr ebda tweġiba dwar iż-żjarat li xtaq jagħmel fiċ-Ċentri ta' Detenzjoni, kwantu għaż-żjara li għamel fil-Ħabs jgħid li din baqgħet ma tatx risposta għall-mistoqsijiet tiegħu u dan għaliex

fost oħrajn ma tħalliex jidħol f'partijiet tal-Ħabs jew biex jara l-kundizzjonijiet ta' kif kienu qed jinżammu l-priġunieri. Skont ir-rikorrent, is-sitwazzjoni fil-ħabs saret aktar gravi b'aktar imwiet ta' priġunieri li kompliet qanqlet fih il-ħtieġa ta' żjara aktar sħiħa u kompleta tal-investigazzjonijiet li xtaq jagħmel fil-vesti tiegħu ta' ġurnalist. Dawn l-imwiet seħħew ukoll fiċ-Ċentri ta' Detenzjoni.

**Punti ta' Liġi**

**8.** Din hija kawża ta' indole Kostituzzjonali li biha r-rikorrent qiegħed jilmenta li minħabba l-fatti minnu esposti kellu d-drittijiet tiegħu kif imħarsa minn artikolu 10 u 41 tal-Konvenzjoni u Kostituzzjoni rispettivament miksura.

**9.** Artikolu 10 tal-Konvenzjoni jiddisponi hekk:

*"1) Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà ta' espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-libertà li jkollu opinjonijiet u li jirċievi u jagħti informazzjoni u ideat mingħajr indħil mill-awtorità pubblika umingħajr ma jittieħed kont ta' fruntieri. Dan l-Artikolu ma għandux jimpedixxi Stati milli jeħtieġu liċenzi għax-xandir, televiżjoni jew impriżi ċinematografiċi.*

*(2) L-eżerċizzju ta' dawn il-libertajiet, billi jġib miegħu dmirijiet u responsabbiltajiet, jista' jkun suġġett għal dawk il-formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritti b'liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjetà demokratika, fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, integrità territorjali jew sigurtà pubblika, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta'*

*delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, għall-protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' ħaddieħor, biex jiġi evitat il-kxif ta' informazzjoni riċevuta b'sigriet, jew biex tiġi miżmuma l-awtoritàu l-imparzjalità tal-ġudikatura."*

**10.** Mentri l-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni fil-parti sostantiva għal din il-Kawża jiddisponi hekk:

*"(1) Ħlief bil-kunsens tiegħu stess jew bħala dixxiplina tal-ġenituri, ħadd ma għandu jiġi mfixkel fit-tgawdija tal-libertà tiegħu ta' espressjoni, magħduda libertà li jkollu fehmiet mingħajr indħil, libertà li jirċievi idejiet u tagħrif mingħajr indħil, libertà li jikkomunika idejiet u tagħrif mingħajr indħil (kemm jekk il-komunikazzjoni tkun lill-pubbliku in ġenerali jew lil xi persuna jew klassi ta' persuni) u libertà minn indħil dwar il-korrispondenza tiegħu.*

*(2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu safejn dik il-liġi tagħmel provvediment –*

*(a) li jkun meħtieġ raġonevolment –*

(i) *fl-interess tad-difiża, sigurtà pubblika, ordni pubbliku, moralità jew deċenza pubblika, jew saħħa pubblika; jew*

(ii) *sabiex jiġu protetti r-reputazzjonijiet, drittijiet u libertajiet ta' persuni oħra, jew il-ħajja privata ta' persuni li jkollhom x'jaqsmu ma' proċeduri legali, jiġi evitat il-kxif ta' tagħrif riċevut sigriet, tiġi miżmuma l-awtorità u l-indipendenza tal-*

*qrati, jiġu protetti l-privileġġi tal-Parlament, jew jiġu regolati t-telefonu, it-telegrafu, il-posta, ix-xandir bil-wireless, it-televiżjoni jew mezzi oħra ta' komunikazzjoni,esibizzjonijiet pubbliċi jew divertimenti pubbliċi; jew*

*(b) li jimponi restrizzjonijiet fuq uffiċjali pubbliċi,u ħlief safejn dak il-provvediment jew, skont il-każ, il-ħaġa magħmula skont l-awtorità tiegħu tiġi murija li ma tkunx raġonevolment ġustifikabbli f'soċjetà demokratika.*

*(3) Kull min ikun residenti f'Malta jista' joħroġ jew jistampa gazzetta jew ġurnal pubblikat kull jum jew perjodikament:*

*Iżda jista' jsir provvediment b'liġi –*

*(a) li jipprojbixxi jew jillimita l-ħruġ jew stampar ta' xigazzetta jew ġurnal bħal dak minn persuni taħt il-wieħed u għoxrin sena ta' età; u*

*(b) li jeħtieġ kull persuna li tkun l-editur jew stampatur ta'xi gazzetta jew ġurnal bħal dak li tinforma l-awtorità preskritta b'hekk u dwar l-età tagħha u li żżomm lill-awtorità preskritta informata dwar il-post tar-residenza tagħha."*

**11.** Minn dawn iż-żewġ artikoli jemerġu, l-ewwel l-importanza ta' dan id-dritt fundamentali, li mhux biss huwa essenzjali iżda huwa ukoll sine qua non għal Soċjeta' b'saħħitha demokratikament. Dan id-dritt ġie spjegat li fil-kuntest tad-deċiżjonijiet tal-ECHR dan ifisser li "*the scope of expression*

*rights must be broadly interpreted so as to encompass not only the substance of the information and ideas, but a diverse variety of forms and means in which they are manifested, transmitted and received. As regards the forms of expression safeguarded under article 10, the broad construction suggests that the person exercising this right are entitled to choose the modality, free from state interference, which they consider most effective in reaching the widest possible audience" (**Law of The European Court Of Human Rights, Harris O'Boyle and Warbrick, 4th Ed, pg 593***).

**12.** B'dana kollu, kif naraw, anke mill-artikoli suċitati, dan id-dritt ma jagħtix *carte blanche* lil individwu. Il-liġi ma tipproteġix il-libertinaġġ tal-espressjoni iżda l-liberta' ta' espressjoni. Dan id-dritt għalhekk, huwa ċirkoskritt minn sett ta' ċirkostanzi li jippermettu li jiġi ristrett. Iżda din ir-restrizzjoni trid tintuża b'ċirkospezzjoni u kwalunkwe deċiżjoni restrittiva ta' dan id-dritt, trid tkun ġustifikabbli f'Soċjeta' demokratika.

**13.** Din l-aħħar frażi hija komuni għaż-żewġ artikoli. Hija tifsira wisgħa, għaliex hija frażi li tappartjeni lix-xjenza politika aktar milli dik legali. Fi ftit kliem, ir-regola ġenerali hija, li kulħadd huwa intitolat li jeżerċita dan id-dritt u fil-waqt li r-restrizzjonijiet huma eċċezzjoni għal din ir-regola ġenerali. Di fatti l-ECHR illum, tabbraċja t-tejorija li l-Istat mhux biss għandu l-obbligu li ma jiksirx dan id-dritt iżda li għandu ukoll l-obbligu li jara li dan id-dritt ma jinkisirx (*drittwirkung*).

**Konsiderazzjonijiet**

Preliminari

**14.** Il-mistoqsija li dejjem issir hi: Min hu ġurnalista?

**15.** Għal din il-Qorti t-tweġiba hi, li ġurnalist hija dik il-persuna, li tiġbor informazzjoni dwar fatti partikolari u li wara li torganizza dawn il-fatti f'għamla li jinftehmu biex tkun wassalhom lill-pubbliku ġenerali ħalli b' hekk l-istess pubbliku jkun f'qagħda li jifforma opinjoni dwar kwistjoni ta' interess ġenerali. Li persuna bħal din ma jkollhiex kwalifiċi akkademiċi jew taħriġ fil-ġurnaliżmu ma hux rekwiżit sine qua non, għalkemm huwa dejjem awspikabbli, biex jiġi disseminat l-aħjar prodott. Ma hemm ebda dubbju li r-rikorrent jidħol f'din id-definizzjoni.

**16.** Fit-tieni lok irid jingħad li ebda persuna ma hija ħielsa mill-bias politiku tagħha, partikularment f'pajjiżna. Għalhekk, dan id-dritt jappartjeni ukoll u mingħajr riżervi, lil min ikun persistentement oppożitur ta' xi amministrazzjoni partikulari, indipendentement mill-fatt li huwa porta vuċi ta' xi partit politiku ieħor. Li jirraporta tajjeb u b'onesta' materja ta' interess pubbliku li huwa l-aktar importanti. Issa jekk ma jurix konsistenza f'xogħolu, dik teffettwalu l-kredibbilita' tiegħu, pero' l-opinjoni politika tiegħu ma tistax isservi ta' raġuni biex dak li jkun ma jitħalliex igawdi dan id-dritt.

*L-eċċezzjoni tal-leġittimu kontradittur*

**17.** Din il-Qorti eżaminat b'reqqa kemm il-liġijiet u kif ukoll ir-regolamenti taħt dawk il-liġijiet biex tasal għall-konklużjoni liema mill-intimati huma leġittimi kontradittur.

**18.** Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

"*(1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji* <u>*mill-kap tad-dipartiment tal-gvern*</u> *li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:*

*Iżda, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu:*

*(a) kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-Accountant General;*

*(b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;*

*(ċ) kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.*

*(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunuxjistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern*" (Emfazi tal-Qorti).

**19.** Issa A.L 260.03 reg(1) jiddisponi li "*id-Direttur għandu jkun responsabbli għall-amministrazzjoni ġenerali tal-ħabs u, b'mod partikolari,*

*għaż-żamma tas-sigurtà, tad-dixxiplina u tal-bon ordni fih, għas-saħħa, l-iġjene u l-ġid ġenerali tal-priġunieri u għat-tmexxija tal-programmita' taħriġ għall-ksib tal-objettivi ta' trattament.*" Mentri fil-każ ta' Ċentri ta Detenzjoni reg 49 tal-A.L 217.19 jiddisponi li *"(1) L-ebda persuna m'għandu jkollha aċċess għal xi ċentru ta' detenzjoni jekk ma jkollhiex l-awtorizzazzjoni mill-Kap tas-Servizzi ta' Detenzjoni jew mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni li jkun qed jaġixxi fuq il-parir tal-Ministru.*

*(2) Rappreżentanti minn organizzazzjonijiet internazzjonali u minn organizzazzjonijiet mhux governattivi jkollhom access ghall-persuni f'detenzjoni wara li jiksbu l-awtorizzazzjoni mill-Kap tas-Servizzi ta' Detenzjoni jew mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni li jkun qed jaġixxi fuq il-parir tal-Ministru".*

**20.** Għalhekk huwa ċar li fil-waqt li d-Direttur tal-Ħabs huwa responsabbli għat-treġġija u tmexxija tal-ħabs, il-Kap tas-Servizzi tad-Detenzjoni u l-Uffiċjal Prinċipali huma minn naħa tagħhom responsabbli għat-treġġija u tmexxija taċ-Ċentri ta' Detenzjoni. Għalhekk kien korrettt Kevin Mahoney, Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Intern meta jgħid hekk:

"*Mela jiena nista' nordnalu jdahhal lil xi hadd l-premises, inmates or whatever. Dak ghandu l-poteri tieghu u regolamenti tieghu u jmexxihom hu. Jekk nuzura l-poteri tieghi (recte tieghu), allura jistghu iwarrbu l-Heads of Department u noqghod imexxi kollox jien,"* (a' fol 151 tergo). Fuq

mistoqsija diretta tal-Qorti għal min japprova żjarat fil-Ħabs ir-risposta kienet ċara "*Il-Kap tad-Dipartiment rispettiv*" (a' fol 154).

**21.** Fid-dawl ta' dak li tiddisponi l-liġi, ma għandu jkun hemm ebda dubbju għalhekk, li ai fini tal-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, huma dawn it-tnejn li għandhom jitqiesu bħala l-Kapijiet tad-Dipartimenti rispettiv tagħhom. Għalhekk meta b'ittra elettronika datat 7 ta' Frar 2020 l-intimat Ministru dderiġa lir-rikorrent sabiex jindirizza t-talba tiegħu lid-Direttur tal-Ħabs u lill-Principal Immigration Officer sa fejn jirrigwarda ċ-Ċentri ta' Detenzjonijiet, id-direzzjoni mogħtija ma kienitx żbaljata (ara a' fol 43).

**22.** Għalhekk bħala leġittimi kontraditturi fil-proċeduri odjerni ser tkun qed tagħraf lid-Direttur tal-Ħabs, Lil Head Detention Services u lill-Principal Immigration Officer. Kwantu għall-intimati l-oħrajn dawn ma humiex il-leġittimi kontraditturi u għalhekk ser ikunu qed jiġu illiberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

<u>Il-Mertu</u>

**23.** Jibda biex jingħad, li l-interess fir-rikorrent li jitkixxef aktar dwar x'kien qiegħed jiġri fil-Ħabs u fiċ-Ċentri ta' Detenzjoni kien ġej minn diversi rapporti u artikoli fil-ġurnali lokali. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent jixhed li l-immigranti kienu qegħdin jinżammu f'kundizzjonijiet inumani f'aspetti bħal iffullar, nuqqas t'iġjene, aċċess għal servizzi bażiċi, inklużi servizzi legali (a' fol 25). Fost is-sorsi li minnhom ħa l-informazzjoni kien hemm rapport fit-

Times tal-21 ta' Ottubru 2019 jindika li f'Ħal Far il-qagħda kienet prekarja (a' fol 36). Rapport ieħor ta' The Times intitolat "*Manhandled in prison, cooped up, hosed down like animals* " (a' fol 39).

**24.** Ir-rikorrent estenda l-interess tiegħu dwar dak li kien qiegħed jiġri fil-Ħabs minħabba numru ta' imwiet li kien qiegħed ikun hemm ġewwa l-faċilita' Korrettiva ta' Kordin u dwar rapport ta' kif kien qiegħed jitmexxxa l-ħabs (ara a' fol 66 sa 72, a' fol 85 sa 86). Għalhekk ried li jinvestiga fil-fond biex jikseb informazzjoni ta' x'tassew qiegħed jiġri u jekk dawn ir-rapporti kienux fattwalment korretti. Ma hemm ebda dubbju, li dak li jiġri f'dawn iż-żewġ Istituzzjonijiet u dwar kif jitmexxew huwa ta' interess pubbliku. Di fatti, kif ser naraw aktar 'l isfel l-ECHR qieset li investigazzjonijiet f'Istituzzjonijiet bħal dawn għandhom ikunu imħarsa taħt artikolu 10 tal-Konvenzjoni.

**25.** Ir-rikorrent jixhed li "*I repeatedly asked the Government and the detention centres authorities to allow me visit the prisons and detention centres to report on the conditions there. All requests were denied. I will also need to be able to speak to inmates and staff that are willing to speak to me."* (a' fol 90). L-ewwel darba li r-rikorrent kiteb biex jingħata aċċess għall-ħabs u ċ-Ċentri ta' Detenzjoni kien fit-12 ta' Novembru 2019, iżda t-talbiet tiegħu biex iżur il-Ħabs kien fil-25 ta' Awwissu 2020 u għamel iż-żjara fl-1 ta' Settembru 2020 (Ara a' fol 51). Iġifieri, kellhom jgħaddu għaxar xhur, għalkemm irid jingħad ukoll, li f'dak iż-żmien kien hemm l-epidemija tal-

Covid 19. Irid jingħad ukoll li sa meta din il-Qorti qed tikteb din is-Sentenza r-rikorrent baqa' qatt ma ingħata aċċess għaċ-Ċentri ta' Detenzjoni.

**26.** Dak li bħal donnu faqa' l-bużżieqa kienet, meta r-rikorrent sar jaf, li ċertu Terry Muscat ta' Bormla, social media influencer, bl-isem ta' Zija TT, tħalliet iżżur il-Ħabs u li ltaqat mad-Direttur tal-Ħabs li saħansitra taha memento tal-okkażżjoni (Ara a' fol 87 u 88). B'referenza għal Terry Muscat, Nathalie Attard fil-Ministeru tal-Affarijiet Interni, datata b'ittra 21 ta' Awwissu 2020, informatu hekk " ….*Terry Muscat was invited to tour the Corradino Facilty by the CEO of the Correctional Services Agency is incorrect. We are informed that Ms Muscat accompanied her sister to a meeting with the CEO.*" (a' fol 52). Ir-rikorrent min-naħa l-oħra jgħid li dan qalitu Terry Muscat stess "*she spoken of this herself*". Esebixxa wkoll xi ritratti dwar il-'memento' li ingħatat taż-żjara.

**27.** Mill-provi jemerġi, li r-rikorrent kiteb diversi drabi biex jingħata aċċess (Ara a' fol 44). Meta nbidel il-Ministru dan tal-aħħar korrettement irrefera lir-rikorrent għad-Direttur tal-Ħabs u Kap tas-Servizzi ta' Detenzjoni (a' fol 54). Kif diġa' ingħad, dan kien fis-7 ta' Awwissu 2020. Dak li kien qiegħed jitlob ir-rikorrent kien li jingħata aċċess taħt kundizzjonijiet raġjonevoli fejn kienu qegħdin jinżammu l-emigranti f'Kordin, li jieħu r-ritratti, li jara fejn kienu qegħdin jorqdu, il-post ta' rikrejazzjoni, toilet u faċilitajiet ta' showers u l-kċina (ara a' fol 56).

**28.** F'dan l-istadju tajjeb li jingħad li fil-każ ta' **Szurovecs -vs- Hungary App. no 15428/16 tat-8 ta' Ottubru 2019** f'każijiet bħal dawn kellha x'tosserva li "*that public interest in reporting from certain locations is especially relevant where the authorities' handling of vulnerable groups is at stake. The "watchdog" role of the media assumes particular importance in such contexts since their presence is a guarantee that the authorities can be held to account*". F'dan il-każ Szurovecs ukoll ried jinvestiga l-kundizzjonijiet ta' ċentri ta' detenzjoni u fil-fehma ta' din il-Qorti dan it-tagħlim japplika ukoll għall-investigazzjonijiet f'Ħabs.

**29.** F'dan l-istadju tajjeb ukoll li jiġi aċċentwat, li l-oġġezzjoni għal żjarat bħal dawn ma jistgħux jinżammu għal raġunijiet li ma jkunux raġjonevoli anke jekk dawn ikunu fondati fuq xi xorta ta' liġi miktuba. Di fatti, sewwa ġie osservat li "*As set forth in Article 10, freedom of expression is subject to exceptions, which must, however, be construed strictly, and the need for any restrictions must be established convincingly* (Ara fost oħrajn **Handyside v. the United Kingdom, 7 December 1976, § 49, Series A no. 24; Editions Plon v. France, no. 58148/00, § 42, ECHR 2004-IV; Lindon, Otchakovsky-Laurens and July v. France [GC], nos. 21279/02 and 36448/02, § 45, ECHR 2007-IV**; u **Axel Springer AG v. Germany [GC], no. 39954/08, § 78, 7 February 2012**).

**30.** Għalhekk ma kien xejn korrett id-Direttur tal-Ħabs meta qal li "*Id-direttur tal-Habs huwa jiena. In-nies li jistghu iduru u jitolbu u jidhlu fejn iridu gewwa l-habs is-Sur Delia ma jaghmilx part minn dik il-lista.*

*Ghaldaqstant m'ghandu ebda dritt sagrosant li jitlob li jara xi haga li ma ghandu ebda justification biex jaraha. Hemm nies ohrajn illistjati fil-ligi, li diga' semmejt u ghamlit lista taghhom, li x'hin iridu jistghu jigu u fejn iridu indawruhom any time of the day. Nahseb aktar car minn hekk ma nistax inkun*" (a' fol 186). Hekk ukoll ma għandux raġun Helenio Galea, Senior Inspector il-Ħabs meta xehed li l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin dejjem imxiet ma' din id-direzzjoni b'mod strett u għalhekk il-midja ma tgawdix minn dan l-istess privileġġ ikkontemplat fl-artikolu 8(4) tal-Kap 260 bħala individwu speċjali. (a' fol 288).

**31.** Artikolu 8(4) tal-Kap 206 jiddisponi li "*Il-Ministru responsabbli għall-ħabs, il-Prim Imħallef, l-Imħallfin, il-Maġistrati u l-Avukat Ġenerali jkunu ex officio Viżitaturi Speċjali tal-Ħabs, u bħala hekk jistgħu f'kull żmien jidħlu fil-ħabs biex iżuru dan il-ħabs u kull priġunier miżmum fih. Huma għandhom iniżżlu fil-Ktieb tal-Viżitaturi Uffiċjali kull osservazzjoni li jidhrilhom li għandhom jagħmlu dwar il-ħabs u l-priġunieri, u l-ktieb għandu jinġieb quddiem il-membri tal-Bord ta' Monitoraġġ tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin fl-ewwel żjara li jagħmlu wara fil-ħabs".*

**32.** Bir-rispett kollu lejn dawn iż-żewġ uffiċjali, filwaqt li din il-Qorti hija konvinta mill-intenzjonijiet tajba tagħhom, ir-raġunijiet tar-rifjut lill-ġurnalist li jżur Ħabs jew Ċentru ta' Detenzjoni la huma dettati mill-arbitriju ta' persuna u anqas minn xi liġi jew regolament, partikularment meta jkun antikwat, li meta kienu ġew fis-seħħ, l-anqas kienu għadhom saru l-pronunzjamenti u deċiżjonijiet, kemm ta' dawn il-Qrati u anke dawk

barranin. Ir-restrizzjonijiet fuq il-liberta tal-espressjoni għandhom ikunu iddettati mill-bon sens u mir-raġuni u b'mod, li kemm jista' jkun ma jkunx hemm intralċ żejjed fuq dan id-dritt. Sfortunatament għadek issib lil min ma jistax jifhem li spiċċa ż-żmien ta' *je suis le roi, je suis la loi* u li hu 'l fuq mil-liġi.

**33.** Kif diġa ingħad, ir-rikorrent f'Settembru tal-2020 ingħata opportunita' li jżur il-ħabs. Jidher li din iż-żjara ġiet eżerċitata taħt sorveljanza. Żar il-kċina iżda mhux postijiet oħra bħal ma huma t-toilets, iċ-ċellel fejn jorqdu l-priġunieri, is-showers u l-post ta' rikjreazzjoni. Ir-rikorrent talab ukoll li jżur ċertu diviżjonijiet iżda ma ngħatax il-permess. Sabiex jagħmel din iż-żjara kellu jiffirma protokoll. Issa din il-Qorti temmen li l-protokolls huma odjużi, għaliex ħafna drabi dak li ma jgħidux suppost jista' jsir u dak li jgħidu ma jsirx.

**34.** Fil-fatt ir-rikorrent iffirma din il-porotokoll (a' fol 172). Il-Qorti eżaminata u ssib li fiha sens ta' soffokazzjoni għaliex tipprovdi biss dwar x'ma jistax jagħmel ġurnalist. Titkellem dwar kif għandhom isiru interviews. X'ma jistax jintuża bħala apparat. Li r-rotta taż-żjara tiġi dettata mill-Awtorita' u fl-aħħar avviż ominuż, li ż-żjara tista' tiġi terminata f'kull ħin. Dan il-protokoll fih innifsu għandu *chilling effect* fuq min irid iżur il-ħabs biex jirraporta lill-pubbliku in ġenerali dwar l-istat ta' din l-Istituzzjoni. Mhux qiegħed jingħad li dak li jkun ikun jista' jagħmel li jrid, pero' lanqas ma huwa sew, li tidħol fil-ħabs bħala ġurnalist bil-premura ta' x'ma tistax tagħmel.

**35.** Fil-fehma ta' din il-Qorti, id-dritt fundamentali mertu ta' dawn il-proċeduri ma jirrigwardax biss protezzjoni dwar il-kontenut, iżda anke il-mod kif jinġabar dak il-kontenut bħal ma huma ritratti, intervisti mikrofoniċi u anke teħid ta' filmati. Jekk dak huwa l-aħjar mod kif ġurnalist jista' jopera, dejjem b'rispett lejn il-ħajja privata tal-priġunier jew detenut, l-Awtoritijiet ta' dawn l-Istituzzjonijiet ma jistgħux joffru opposizzjoni sakemm ma jkunx hemm raġunijiet tant impellenti u gravi bħal ma hija s-sigurta' nazzjonali, ħarsien tas-saħħa pubblika jew il-prevenzjoni tat-twettiq ta' diżordni jew rejati.

**36.** Di fatti l-ECHR tispjega li "*The Court has always considered that Article 10 of the Convention protects not only the substance of the ideas and information expressed <u>but also the form in which they are conveyed</u>".* (Emfażi tal-Qorti u ara **De Haes and Gijsels v. Belgium, § 48; Jersild v. Denmark, § 31; Oberschlick v. Austria (no. 1), § 57**). Tkompli tispjega li "*With regard to the content and form of the impugned articles, the principle has always been that there exists, inherent in the profession of journalist, freedom to deal with subjects as they see fit. The Court has reiterated, for example, that it is not for it, nor for the national courts, to substitute their own views for those of the press in this area"* (Ara **Couderc and Hachette Filipacchi Associés v. France [GC], § 139; Jersild v. Denmark, § 31**).

**37.** Għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, l-ittra tat-12 ta' Novembru 2019 takkwista ċertu importanza għaliex ir-rikorrent qal hekk *"I will need to take photographs during my visit - obviously respecting the privacy of any*

*inmates - I will need to see sleeping quarters, recreational areas, toilet and showering facilities, kitchens and so on to be able to make a proper assessment of the conditions in which prisoners are kept"* (a' fol 45). Din l-ittra bagħtha lil żewġ Ministri u permezz ta' ittra oħra datata 11 ta' Frar 2020 mibgħuta lill-intimat Direttur lil dan infurmah hekk: "*Please see below correspondence with the Minister. The request is now put to you. Please treat urgently* (a' fol 57).

**38.** Nathalie Attard fis-17 ta' Frar 2020, din id-darba b'referenza għaċ-ċentri ta' Detenzjoni wieġbet hekk: "*Dear Mr. Delia, with reference to your email below, kindly note that at the moment, only lawyers, NGOs and international organisations are being allowed entry.*" (a' fol 58). Presumibilment Nathalie Attard kellha fost oħrajn f'moħħha reg 49 tal-L.S 217.19 li jiddisponi li "*rappreżentanti minn organizzazzjonijiet internazzjonali u minn organizzazzjonijiet mhux governattivi jkollhom access ghall-persuni f'detenzjoni wara li jiksbu l-awtorizzazzjoni mill-Kap tas-Servizzi ta' Detenzjoni jew mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni li jkun qed jaġixxi fuq il-parir tal-Ministru".*

**39.** Il-Qorti ma tlumx lill-imsemmija li wieġbet hekk, imma kif diġa' spjegat, indipendentement minn dak li jgħidu r-regolamenti, id-dritt ta' aċċess ta' ġurnalist għal dawn iċ-ċentri huwa mħares minn artikolu 10 tal-Konvenzjoni. Fil-kuntest ta' dak li tinsisti fuqu l-ECHR, il-liġijiet għandhom dejjem jiġu applikati fid-dawl tal-pronunzjamenti ta' din il-Qorti fost oħrajn li l-liġijiet għandhom jiffavorixxu l-liberta ta' espressjoni u mhux ixekkluha.

**40.** Il-limitazzjonijiet fuq id-dritt fundamentali tal-espressjoni, li jinkludi mhux biss li dak li jkun jirċievi informazzjoni iżda anke li jiddisseminaha, jistgħu ikunu applikati b'mod ristrettiv għal raġunijiet li huma konvinċenti u li għadhom mis-sewwa. Il-liġi ma tistax tintuża biex jittella' ħajt bejn il-ġurnalist u l-pubbliku. Għalhekk intqal li "*The Court considers not only that restrictions on freedom of the press concerning a preparatory step prior to publication fell within the Court's supervision, but that a journalist's research and investigative activities called for the closest scrutiny by the Court on account of the great danger represented by restrictions on that form of activity"* (Ara **Dammann v. Switzerland, § 52; The Sunday Times v. the United Kingdom (no. 2), § 51; Amaghlobeli and Others v. Georgia, § 36**)."

**41.** Il-Qorti qieset sewwa l-fatti taċ-ċirkostanzi tal-każ. Jirrisultalha li sal-lum ir-rikorrent minkejja t-talbiet persistenti tiegħu, għadu qatt ma ngħata aċċess għaċ-Ċentri tad-Detenzjoni u l-aċċess li ngħata għall-Ħabs, wara tant xhur li kien talbu, ingħatalu b'mod li tassew jinħass li kien kontrollat, mingħajr qatt ma ngħatat spjegazzjoni konvinċenti l-għala dawn ir-restrizzjonijiet. L-Awtoritajiet ma għandhomx jagħlqu l-bieb tagħhom lill-ġurnalisti, għaliex dan ikompli jnissel u jsaħħaħ dubju u ħsiebijiet li hemm tassew għalfejn wieħed għandu jinvestiga.

**42.** Kultant ir-resistenza da parti tal-Istat, mhux wisq tkun ġejja mill-fatt għaliex għandu l-faħam miblul iżda pjuttost b'pika mal-ġurnalist partikolari. Minn naħa l-oħra, il-ġurnalist huwa mistenni li jkun oġġettiv u li jkun in

buona fede fis-sens, li l-mira unika tiegħu tkun dik li jinforma u li jwassal l-aħbar lill-pubbliku in ġenerali. F'ċirkostanzi simili għal dawk li għandha quddiemha din il-Qorti, l-ECHR qalet li "*that freedom of expression does not stop at the gates of army barracks* or of prisons" (Ara **Schweizerische Radio - und Fernsehgesellschaft SRG v. Switzerland, § 22**; u **Bamber v. the United Kingdom, Commission decision**).

**43.** Meta din il-Qorti qieset il-fatti kollha, waslet għall-konklużjoni li d-drittijiet tar-rikorrent kif imħarsa minn artikolu 10 u 41 tal-Kostituzzjoni tassew ġew miksura. Bħala rimedju l-Qorti ser tieħu inkonsiderazzjoni dak li wieġeb ir-rikorrent meta mistoqsi jekk hux qiegħed jitlob danni personali għal dak li sofra jew jekk hux qiegħed jitlob danni non-pekunjarji. It-tweġiba tiegħu kienet ċara: "*Jiena qieghed nitlob li din il-Qorti tiddikjara li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali u tordna li jittiehdu dawk il-mizuri li hemm bzonn mill-awtoritajiet biex dik il-lezjoni tieqaf*." Iġifieri, huwa ċar li r-rikorrent ma hux jitlob rimedju pekunjarju iżda rimedju effettiv biex ikun jista' jwettaq xogħolu bħala ġurnalista.

**44.** Di piu' din il-Qorti fehmet ukoll, li f'ċertu diviżjonijiet qed jinżammu dawk il-persuni li qegħdin jiskontaw piena karċerarja inkonnessjoni mal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia jew fejn qed jinżammu persuni oħrajn li presentement għaddejjin proċeduri ta' natura kriminali in konnessjoni mal-istess assassinju. Onestament, din il-Qorti tħoss li r-rikorrent ma għandux ikollu aċċess għal dawn id-diviżjonijiet għal raġunijiet li huma ovvji.

**Decide**

Għaldaqstant, din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi dan ir-rikors bil-mod segwenti:

**Tillibera mill-osservanza** tal-Ġudizzju lill-intimati Ministru, Segretarju Permanenti u lill-Avukat tal-Istat.

**Tilqa' l-ewwel talba** rikorrenti fis-sens, li għar-raġunijiet fuq spjegati, id-dritt fundamentali tiegħu ta' espressjoni kif imħares minn artikolu 10 u 14 tal-Konvenzjoni u Kostituzzjoni rispettivament ġie miksur.

**Tilqa' it-tieni talba u tordna**:

(1) lid-Direttur tal-Ħabs sabiex jagħti aċċess lir-rikorrent għall-ħabs, sabiex fid-dawl ta' dak li talab, jkun jista' jieħu ritratti, b'rispett dejjem għall-privatezza tal-priġunieri, u di piu' jitħalla jżur il-kwartieri ta' fejn jorqdu, jinħaslu u jirrikrejaw rwieħhom il-priġunieri b'dana li ma jingħatax aċċess għal dawk id-diviżjonijiet għar-raġunijiet fuq spjegati.

(2) Lill-Kap taċ-Ċentri ta' Detenzjonijiet sabiex jagħti aċċess lill-intimat biex ikun jista' jżur l-istess faċilitajiet appena imsemmija u billi ukoll jitħalla jieħu dawk ir-ritratti xierqa dejjem b'rispett lejn il-privatezza tad-detenuti.

**Tastjeni** milli tipprovdi dwar it-tielet u r-raba talbiet għar-raġunijiet fuq imsemmija.

**Tastjeni** ukoll mill-ħames talba, stante li ma għandhiex xi żżid ma dak li ordnat bl-akkoljiment tat-tieni talba.

Spejjes ta’ dan ir-rikors għall-intimati Direttur tal-Ħabs, Kap tas-Servizzi ta’ Detenzjoni u l-Uffiċjal Prinċipali għall-Immigrazzjoni.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**